



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

11867/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0284 (NLE)

COASI 213
ASIE 43
CFSP/PESC 782
COHOM 104
COTER 111
JAI 847
WTO 227
AGRI 411
ENER 295
TRANS 358
TELECOM 267
ENV 575

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt, u l-istabbiliment tas-sottokomitati u tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Komitat Konġunt
stabbilit mill-Ftehim Qafas
dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda,
u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' Proċedura tal-Komitat Konġunt,
u l-istabbiliment tas-sottokomitati u tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati
u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra¹ (“il-Ftehim”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ottubru 2016.
- (2) L-Artikolu 52(1) tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt , li l-kompitit tiegħu jinkludu li jiġi żgurat li l-Ftehim jaħdem u jiġi implimentat kif xieraq.
- (3) L-Artikolu 52(5) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta’ proċedura tiegħu u l-Artikolu 52(3) jipprevedi li għandu jwaqqaf kumitati u gruppi ta’ ħidma speċjalizzati.
- (4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim, ir-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jiġu adottati malajr kemm jista’ jkun.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta’ proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment tas-sottokumitati u tal-gruppi ta’ ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom tkun ibbażata fuq l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mehmużin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 329, 3.12.2016, p. 8.

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 52 tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' sottokumitati u gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi tad-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
